Il-flat bin-numru wieħed (1) fil-first floor level u li jifforma parti minn blokk ta' ħames flats b'bieb komuni, jisimhom Mirage Courts numru tlieta u tmenin (83), fi Triq Manuel Dimech ġja Prince of Wales Road, Tas-Sliema, bil-komunjoni tal-partijiet komuni mal-flats l-oħra tal-istess blokk eskluż però l-bejt, mill-bqija liberu u frank.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Martin Schembri (KI 386953M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 18 ta' Marzu, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decrees given on the 20th November, 2025, and 6th March, 2026 by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 5th July, 2023, by Mary Rose Enriquez (ID 0596943M) Judicial Sale file number 32/23 in the names Mary Rose Enriquez (ID 0596943M) vs Martin Schembri (ID 386953M) is being asked that the Court orders the sale by auction of:

The flat numbered number one (1) at first floor level and which forms part of a block of five flats with a common entrance, named Mirage Courts, numbered eighty three (83), in Triq Manuel Dimech previously Prince of Wales Road, in Tas-Sliema, with the common parts in community with the other flats in the same block, however excluding the roof, otherwise free and unencumbered.

The said property belongs to Martin Schembri (ID 386953M).

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 18th March, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

783

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Frar, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 497/2025JPG fl-ismijiet Dorianne Cutajar vs James Cutajar, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat James Cutajar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors guramentat fl-ismijiet Dorianne Cutajar (KI 0200977M) vs James Cutajar (KI 0485576M) fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 497/2025JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Ottubru, 2025, ir-rikorrenti Dorianne Cutajar talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi ż-żwieġ tagħha mal-intimat James Cutajar hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti,

By means of a decree of the 19th February, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Dorianne Cutajar vs James Cutajar, Application number 497/2025JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent James Cutajar in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application in the records of the sworn application number 497/2025JPG in the names Dorianne Cutajar (ID 0200977M) vs James Cutajar (ID 0485576M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 14th October, 2025, the applicant Dorianne Cutajar (ID 0200977M) requested this Honourable Court to declare that her marriage with the respondent James Cutajar is dissolved and that the parties are divorced for all intents and purposes of law and order the Registrar of the Court so that, within the

javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi annotat u reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-kawża fl-ismijiet Dorianne Cutajar vs James Cutajar (Rikors numru 497/2025JPG) hija differita għat-23 ta' April, 2026, fid-9.30 a.m.

Esponenti: Athan, Triq Mons. G. Depiro, Ir-Rabat

Notifika intimat: Flat 1, Blokk 5B, Triq Pietro Rossell, Pembroke

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 20 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

time allowed for this purpose by this Honourable Court, he informs the Director of the Public Registry of the divorce of the parties so that it be annotated and registered in the Public Registry

The application in the names Dorianne Cutajar vs James Cutajar, Application number 497/2025JPG has been postponed for hearing to the 23rd April, 2026, at 9.30 a.m.

Applicant: Athan, Triq Mons. G. Depiro, Rabat

Notification respondent: Flat 1, Block 5B, Triq Pietro Rossell, Pembroke

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 20th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

784

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-18 ta' Marzu, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-18 ta' Marzu, 2026, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-eredi mhux magħrufa ta' Francesco Magro, intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens annwu u perpetwu indikat, u dan fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens, liema ċedola ġġib in-numru 90/2026 FG fl-ismijiet 'Is-soċjetà LXT Investments Limited vs Kuraturi Deputati skont il-liġi sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Francesco Magro bin il-mejtin Agostino u Rosa née Grech, ġia mwieled u residenti x-Xewkija, Għawdex', ippreżentata fit-12 ta' Marzu, 2026, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

Porzjon art magħrufa bħala 'Taċ-Ċnus' sive 'Ta' Dun Luqa' fi Triq Dun Luqa, Ta' Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' madwar mitejn u tnejn u għoxrin metru kwadru (222m.k.) u konfinanti mill-Majjistral mat-triq, mil-Lvant mal-eredi

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 18th of March, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By virtue of a decree given on the 18th of March, 2026, it was ordered that a deputy curator be chosen according to law to represent the unknown heirs of Francesco Magro, entitled to receive the annual and perpetual ground rent indicated, and this in the acts of the schedule of deposit and redemption of ground rent, which schedule bears the number 90/2026 FG in the names 'The company LXT investments Limited vs deputy curators according to law to represent the unknown heirs of Francesco Magro son of deceased Agostino and Rosa née Grech, who was born and used to reside at Xewkija, Gozo', filed on the 12th March, 2026, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable property forming the subject matter of this schedule is:

Portion of land known as 'Taċ-Ċnus' sive 'Ta Dun Luqa' in Triq Dun Luqa, Ta' Sannat, Gozo, measuring about two hundred and twenty two square metres (222 sq.m.) and bounded on the north west by the street, east by the heirs of

ta' Felicia Curmi u min-Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Michelina Buttigieg – kif aħjar murija fuq il-pjanta annessa mal-istess ċedola u mmarkata dokument A.

Illi minn riċerki ulterjuri li twettqu, irriżulta li din l-art kienet tifforma parti minn art ikbar li ġiet akkwistata mill-imsemmi Michele Bugeja bis-saħħa ta' kuntratt ta' enfitewsi perpetwa fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tal-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru elf disa' mija u tlieta u erbgħin (1943) – permezz ta' liema Bugeja kien akkwista mingħand l-imsemmi Francesco Magro żewġ porzjonijiet ta' art fi Triq Dun Luqa, Ta' Sannat, waħda tal-kejl ta' madwar tomnejn, parti elfejn mitejn u tmienja u erbgħin metri kwadri (2248m.k.) konfinanti mil-Lvant u mit-Tramuntana mat-triq, min-Nofsinhar ma' beni oħra ta' Mikieli Bugeja, u l-oħra tal-kejl ta' madwar tomnejn, parti elfejn mitejn u tmienja u erbgħin metru kwadru 2248m.k.) konfinanti mit-Tramuntana mat-triq, mill-Punent ma' beni ta' Pawla Curmi, u min-Nofsinhar ma' beni ta' Georgina Calleja, u dan versu ċ-ċens komplessiv ta' ħames liri sterlini (£5), u liema proprjetà hija suġġetta għall-ekwivalenti llum ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) ċens annwu u perpetwu. U dan flimkien ma depożitu ta' annata minn kull ċens bħala lawdemju dovut fuq l-akkwist – ossija €0.58 (ħamsa u tmenin ċenteżmu); kif ukoll tletin annata ta' ċens, u liema ċens ir-rikorrenti jridu jifdu ai termini tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, u liema ammont kapitalizzat bir-rata ta' 5% għalhekk jammonta għal sbatax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€17.47), li qed jiġi depożitat biex kull min għandu jedd għalih jista' liberament jirtira wara li jħalli d-debita riċevuta.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Franca Giordmaina, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 18 ta' Marzu, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Felicia Curmi and south by property of the heirs of Michelina Buttigieg – as better shown on the plan attached to the same schedule and marked document A.

That from further searches carried out, it resulted that this land formed part of a larger land which was acquired by the said Michele Bugeja by virtue of a contract of perpetual emphyteusis in the records of Notary Francesco Refalo of the thirty-first (31st) October one thousand nine hundred and forty-three (1943) by means of which Bugeja had acquired from the said Francesco Magro two portions of land in Triq Dun Luqa, Ta' Sannat, one measuring about two tumoli, a portion measuring two thousand two hundred forty eight square metres (2248 sq.m.) bounded on the East and North by the road, on the South by other property of Mikieli Bugeja, and the other measuring about two tumoli, a portion measuring two thousand two hundred forty eight square metres 2248 sq.m.) bounded on the north by the road, west with property of Pawla Curmi, and South with property of Georgina Calleja, and this towards the global ground rent of five pounds sterling (£5), and which property is subject to the equivalent today of eleven euro and sixty five cents (€11.65) annual and perpetual ground rent. And this together with a deposit of one day from each ground rent as the laudemium due on the acquisition – that is €0.58 (fifty-eight cents); as well as thirty days of ground rent, and which ground rent the applicants wish to redeem in terms of Article 1501 of the Civil Code, and which amount capitalized at the rate of 5% thus amounts to seventeen euro and forty seven cents (€17.47), which is being deposited so that whoever has a right to it can freely withdraw after leaving the due receipt.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Doctor Franca Giordmaina, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

Today the 18th of March, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

785

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Frar, 2026, mill-Prim'Awla tal-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1249/2024, fl-ismijiet Lee Tuck vs Farrugia Textiles Limited ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Lee Tuck a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1249/2024 ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet Lee Tuck (KI 181504A) vs Farrugia Textiles Limited (C 6981), ippreżentat fil-25 ta' Novembru, 2025, ir-rikorrenti Farrugia Textiles Limited talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lil Bank of Valletta plc tirrilaxxa l-flejjes mizmuma ta' Farrugia Textiles Limited in vista li l-kreditu pretiż huwa kkawtelat, jew in subsidium tordna lill-Bank of Valletta plc tiddepozita l-ammont kawtelat minnufih fir-Reġistru tal-Qorti .

Qorti Prim'Awla

Imħallef – l-Onor. Imħallef Josette Demicoli, LLD

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1249/2024

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Farrugia Textiles;

Tordna n-notifika tiegħu kemm lil Bank of Valletta plc kif ukoll lil Lee Tuck bil-jedd għal twegiba li trid issir fi żmien erbat (4) ijiem utili.

Illum l-1 ta' Diċembru, 2025

Notifika: Lee Tuck, 29, Bluebell, Flat 1, Triq il-Mitħna l-Qadima, Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 3rd February, 2026, of the First Hall of the Civil Court, in the records of the Garnishee Order number 1249/2024 in the names Lee Tuck vs Farrugia Textiles Limited, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Lee Tuck in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the records of the Garnishee Order number 1249/2024 in the First Hall of the Civil Court, in the names Lee Tuck (ID 181504A) vs Farrugia Textiles Limited (C6981), filed on the 25th November, 2025, the applicant Farrugia Textiles Limited requested this Honourable Court to order Bank of Valletta plc to release the money held by Farrugia Textiles Limited in view that the credit claimed is secured, or in subsidium order Bank of Valletta plc to deposit the attached amount immediately in the Registry of the Civil Court.

In the First Hall of the Civil Court

Judge – the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD

In the acts of the garnishee order number 1249/2024

The Court,

Saw the application of Farrugia Textiles;

Order the notification of the application both to Bank of Valletta plc and also to Lee Tuck who has the right to file a reply within four (4) working days.

Today 1st December, 2025

Notification: Lee Tuck -29, Bluebell, Flat 1, Triq il-Mitħna l-Qadima, Mellieħa

Registry of the Superior Courts, today 20th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

786

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' Frar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4000/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Stephen Delia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Stephen Delia a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 14th February, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 4000/2024 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Stephen Delia the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Stephen Delia in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 28 ta' Novembru, 2024

Lil Stephen Delia (passaport numru 500237343) ta' Apartment, 2091, Portomaso, San Ġiljan

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,422.56, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000037692 ossia dwar il-fond bl-indirizz Apartment 2091, Portomaso, San Ġiljan.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th November, 2024

To Stephen Delia (passport number 500237343) of Apartment 2091, Portomaso, St Julian's

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,422.56, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 101000037692 regarding the premises with address Apartment 2091, Portomaso, St Julian's.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 20th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

787

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Novembru, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 574/2025, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Samuele Ambu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Samuele Ambu a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Samuele Ambu (KI 188948A) ta' The Valley, Blk B, Fl 14, Triq Dr Ġużè Miceli, Il-Gżira, fl-14

By means of a decree of the 12th November, 2025, in the records of the judicial letter number 574/2025, in the names United Acceptances Finance Limited vs Samuele Ambu, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Samuele Ambu in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Samuele Ambu (ID 188948A) of The Valley, Blk B, Fl 14, Triq Dr Ġużè Miceli, Gżira,

ta' Frar 2025, United Acceptances Finance Limited (C360) ta' Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, tirreferi għal għoxrin (20) kambjala minnek debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma ħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati dokumenti 22 sa 41.

Is-soċjetà mittenti qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €6,500 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmak illi se tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri.

Int avżat li għandek id-dritt li topponi għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Notifika: Samuele Ambu (KI 188948A) ta' The Valley, Blk B, Fl 14, Triq Dr Ġużè Miceli, Il-Gżira

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

on the 14th February 2025, United Acceptances Finance Limited (C360) of Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, refers to twenty (20) bills of exchange, duly signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked Documents 22 to 41.

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €6,500 value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment, the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Notification: Samuele Ambu (ID 188948A) of The Valley, Blk B, Fl 14, Triq Dr Ġużè Miceli, Gżira

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 20th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

788

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Alberto Bossi u Francesco Bedino f'isimhom personali kif ukoll bħala diretturi għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Auctoritas Limited illum imħassra mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 977/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 4th March, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent Alberto Bossi and Francesco Bedino in their own name and also as directors for and on behalf of the company Auctoritas Limited today struck off by the Registrar of Companies in the acts of the judicial letter number 977/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-3 ta' Marzu, 2025 tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Alberto Bossi (KI Taljana numru 2893997) u Francesco Bedino (passaport Taljan numru AA0881942) f'isimhom personali kif ukoll bħala diretturi għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Auctoritas Limited (C54544) illum imħassra mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu s-segwenti:

i) Inkwantu għal Alberto Bossi (KI Taljana numru 3893997) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Auctoritas Limited (C54544) l-ammont ta' €7,602,975.30;

ii) Inkwantu għal Francesco Bedino (passaport Taljan numru AA0881942) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Auctoritas Limited (C54544), l-ammont ta' €9,851,062.02.

Rappreżentanti ammont dovut minnkom pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiz-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 3rd March, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, against deputy curators nominated to represent Alberto Bossi (Italian ID. number 2893997) and Francesco Bedina (Italian passport number AA0881942) in their own name and also as directors for and on behalf of the company Auctoritas Limited (C54544), the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the following:

i) As for Alberto Bossi (Italian ID number 3893997) in his own name and also as director for and on behalf of the company Auctoritas Limited (C54544) in the amount of €7,602,975.30;

ii) As for Francesco Bedino (Italian passport number AA0881942) in his own name and also as director for and on behalf of the company Auctoritas Limited (C54544) in the amount of €9,851,062.02.

Representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax according to the same act.

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Dolores Clarke, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 4 ta' Marzu, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD, Doctor of Laws.

Today 4th March, 2025

Registry of the Superior Courts, today 20th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

789

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Alessandro Rostirolla fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 20/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-7 ta' Jannar, 2025, tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Alessandro Rostirolla (KI 0180095A) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Helicopter Services Malta Limited (C80785) fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €428,174.52 rappreżentanti l-ammont minnek dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javzak li se jgħaddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 30th September, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent Alessandro Rostirolla in the acts of the judicial letter number 20/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 7th January, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana against Deputy Curators nominated to represent Alessandro Rostirolla (ID 0180095A) in his own name and also as director for and on behalf of the company Helicopter Services Malta Limited (C80785), the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXDIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €428,174.52 representing amount due by you pro et noe as value added tax according to the same Act.

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiz-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' Settembru, 2025
Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs. Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD, Doctor of Laws.

Today 30th September, 2025
Registry of the Superior Courts, today 20th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

790

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Jannar, 2026, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4412/2025, fl-ismijiet Joseph Giordano vs Maria Bartolo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Maria Bartolo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 30 ta' Settembru, 2025

Lil Maria Bartolo ta' 6, Triq il-Klarissi, San Ġiljan

Permezz tal-preżenti, Joseph Giordano, ta' 9, Blokk A, Flat 1, Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla (KI 353283M), jagħmel referenza diretta għal dak lilek mgħoddi f'valur konsiderevoli ta' flus, liema valur inti kellek l-obbligu li tgħaddih lil terzi sabiex il-mittenti jkun għalhekk kopra u ġab fix-xejn obbligazzjonijiet mal-istess terzi permezz tal-ħlas ai termini tal-liġi.

Permezz tal-preżenti inti qiegħda hawn tkun interpellata tersaq 'il quddiem sabiex tirritorna l-istess valur kif mgħoddi,

By means of a decree of the 27th January, 2026, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4412/2025, in the names Joseph Giordano vs Maria Bartolo, the following publication for the purpose of service on the respondent Maria Bartolo was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 30th September, 2025

To Maria Bartolo of 6, Triq il-Klarissi, St Julian's

By the present Joseph Giordano, 9 Block A, Flat 1, Triq il-Pellegrinaġġ, Cospicua (KI 353283M), makes direct reference to the considerable value of money which he passed on to you and which value you had the obligation to pass on to third parties, such that the applicant would have covered and thus extinguished his obligations with the same third parties by means of the said payment in terms of law.

By the present you are hereby being solicited to come forward to return the same value as passed on, even if what

anke jekk dak li inti inqast milli tagħmel jikkostitwixxi bi ksur gravi u reali ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji li lilek jorbtu u li inti abbużivament għażilt b'malizja li ddawwar fi gwadann personali għalik.

Il-mittenti jgħarrfek ulterjorment li l-valur lilek mgħoddi jinsab dokumentat u huwa f'pożizzjoni li jippreżentah bħala l-aqwa prova tiegħu quddiem dak hawn rilevat permezz tal-preżenti.

Sal-lum il-mittenti jibqa' jtik l-opportunità tressaq difiża għalik miegħu, u dan tenut kont tal-fatt li inti għadek sal-lum taħrab minnu u mid-drittijiet u jeddijiet li huma tiegħu u li huwa jrid jara li jkunu żguri.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 20 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

you failed to do constitutes a serious and real breach of fiduciary obligations with which you are bound and which you abusively and maliciously chose to convert into a personal gain for you.

The interpellant further informs you that the value passed on to you is documented and is in a position to present it as his best evidence as set out above by the present.

Till today the interpellant continues to give you the opportunity to file a defence for you together with him, and this on the basis of the fact that till today you keep avoiding him and from his rights and remedies which are his and which he wants to ascertain that they remain valid.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 20th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

791

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-2 ta' Settembru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 659/2022, fl-ismijiet Zammit Leasing and Investments Limited vs Grazia Mazzocca ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Grazia Mazzocca a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 29 ta' Marzu, 2022

Lil Grazia Mazzocca (KI 165353A) ta' 102, Triq il-Parroċċa, L-Imqabba

Permezz tal-preżenti Zammit Leasing and Investments Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, qiegħda tagħmel referenza għall-kambjali (Dok. A) minnek aċċettati u ffirmati fl-10 ta' Ottubru, 2017, għall-valur ta' €175.19 kull waħda u li komplessivament jammontaw għal valur ta' €1,401.52 u fejn l-ammonti kienu dovuti kull għaxra tax-xahar minn Marzu 2021 sa Ottubru 2021, kwindi tali kambjali llum skadew.

Illi l-mittenti kellu jirriżorti għal preżenti minħabba li l-ammont ma giex imħallas;

Illi qiegħed tiġi interpellat sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika lilek ta' din l-ittra ġudizzjarja, tħallas lis-soċjetà mittenti il-valur ta' €1,401.52;

By means of a decree of the 2nd September, 2022, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 659/2022 in the names Zammit Leasing and Investments Limited vs Grazia Mazzocca, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Grazia Mazzocca in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 29th March, 2022

To Grazia Mazzocca (ID 165353A) of 102, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba

By the present Zammit Leasing and Investments Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, makes reference to the bills of exchange (Doc. A) accepted by you and signed on the 10th October, 2017, for the value of €175.19 each and amounting to €1,401.52 and which amounts were due every tenth day of each month starting from March 2021 till October 2021, thus these bills of Exchange have expired.

That the interpellant had to proceed to this step, because the amount due was not paid for;

You are being solicited so that within two days from the notification to you of this judicial letter, you pay the interpellant company the amount of €1,401.52;

Illi inoltre, ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà mittenti qiegħda wkoll tirrendi eżegwibbli 'l hawn fuq imsemmija kambjala.

Qiegħed tiġi avżat illi inti tista', ai termini tal-Artikolu su indikat, titlob lill-qorti kompetenti illi l-esekuzzjoni ta' din il-kambjala tiġi sospiża, in toto jew in parte u sew suġġett għal garanzija, kif ukoll mingħajra, billi tintavola rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika lilek ta' din l-ittra ġudizzjarja; dan jista' jsir jekk il-firma fuq din il-kambjala ma hijiex tiegħek jew tal-mandatarju tiegħek jew għal raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi tali esekuzzjoni.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-preżenti

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That also in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta, the interpellant company is rendering executable the above mentioned bills of exchange.

That you are warned, that you can in terms of the article mentioned request the competent court that the execution of this bill of exchange be suspended, in toto or in part and subject to the guarantee, and also without it, by filing an application within twenty (20) days from the notification to you of this judicial letter, and this can be done if the signature on these bills of exchange are not yours of your mandatary or for other grave and valid reasons to oppose this execution.

So much for your own guidance

With costs including those of this present

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 20th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

792

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' Frar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3369/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Henry Middleton, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Henry Middleton a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 26 ta' Settembru, 2024

Lil Henry Middleton (KI 899552M) ta' 71, Fl 1, Triq il-Mensija, San Ġiljan

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €6,726.76, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rapprezentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat

By means of a decree of the 14th February, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3369/2024 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Henry Middleton the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Henry Middleton in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 26th September, 2024

To Henry Middleton (ID 899552M) of 71, Fl 1, Triq il-Mensija, St Julian's

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €6,726.76, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding

mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000265643 ossija dwar il-fond bl-indirizz 27, Aida, Triq Spinola, San Ġiljan.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

regarding the utility bills with number 101000265643 regarding the premises with address 27, aida, Triq Spinola, St Julian's.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 20th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

793

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Frar, 2026 mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5260/2023, fl-ismijiet Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali vs Easby Martin John, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Easby Martin John a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 4 ta' Diċembru, 2023

Lil Easby Martin John ta' 6, Triq l-Ambaxxati, San Ġwann

Permezz tal-preżenti r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ta' Qrati tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex tgħaddi u tħallas fi żmien erbat (4) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali, is-somma ta' €500.94 minnek dovuta bħala drittijiet tar-Reġistru in konnessjoni mal-kawża fl-ismijiet:

